MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2010

Appell Kriminali Numru. 389/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. A.P. Miruzzi)**
**Vs**
**Alfred Brown**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII ta' l-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha ta' l-istess Att, naqas sal-hmistax il-jum tat-tieni xahar li jigi wara l-ahhar jum li fin intemmu z-zminijiet ta' taxxa relattivi li jibghat lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud sittax (16) il-denunzja li saru dovuti fil-perjodi li ntemmu fit-30 ta' Lulju 2005 sal-31 ta' Jannar, 2009 u dan bi ksur tal-artikoli 27 u 76 (c) ta' l-Att Nru. XXIII ta' l-1998.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-22 ta' Ottubru, 2009, li biha, wara li rat l-artikoli 27 u 76(c) tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkundannatu multa ta' tmien mitt Ewro (€800).
Il-Qorti peress li rrizulta li ghad hemm pendenzi li ma gewx rizolti definittivament b'applikazzjoni ta' l-artikolu 76 tal-Kap. 406, ordnat lill-appellant sabiex fi zmien tlett xhur jikkonforma ruhu mal-ligi u fin-nuqqas jehel multa ohra ta' hmistax il-Euro (€15) ghal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas wara li jghaddi l-imsemmi zmien.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-30 ta' Ottubru, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tilliberah minn kull piena w htija skond il-ligi, u f'kaz li din il-Qorti joghgobha tikkonferma s-sentenza appellata, l-appellant talab li tigi mposta piena aktar ekwa w gusta ghal kaz odjern.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-
1. illi fl-20 t'Awissu, 2009, l-appellant kien intavola appell fir-Registru tal-Bord ta' l-Appelli tad-Dipartiment tal-VAT fejn kien qed jikkontesta illi huwa kien fl-impossibilita' li jottempera ruhu minhabba mard serju li kellu fil-familja – din hija raguni li kemm il-darba giet accetata mill-Bord ta' l-Appelli tal-VAT fejn l-applikant jinghata mahfra. Il-punt li qieghed jissottometti l-appellant mhux jekk fil-verita' ghandux ragun jew le fl-appell tieghu peress illi din il-kwistjoni hija kompetenza w ser tigi deciza mill-Bord ta' l-Appelli tal-VAT li ghadu jrid jibghat ghall-appellant, izda kif jista' l-Kummissarju tal-VAT jistitwixxi proceduri penali fuq l-istess mertu meta hemm appell pendenti;
2. Illi s-sitwazzjoni tieghu rigwardanti morozita' ta' hlas hija kagun ta' inadempjenza ta' zewg dipartiment governativi, ossia d-Dipartiment tal-VAT u d-Dipartiment

tat-Taxxi Interni li t-tnejn zammu flus l-appellant, wiehed mill-1992, u gabuh f'sitwazzjoni li ghalkemm ried jaghmel pagamenti ma setax minhabba li dipartiment wiehed jidhol fuq l-iehor. Tant hu minnu dan il-fatt li l-appellant sahansitra hallas kif setgha l-ammont ta' €4,000 fi flus kontanti sabiex zgur ma jkunx inadempjenti;
3. Illi s-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti kienet wahda eccessiva w sproporzjonata.

Ikkunsidrat :

Minn ezami akkurat tas-suespost jidher illi l-appellant qieghed jilmenta illi kien fl-impossibilita' illi jottempora ruhu mal-Ligi u jaghmel il-pagamenti necessarji peress illi l-Kummissarju tat-Taxxi Interni u dak tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghamlu mandati separati fl-istess hin, b'tali mod, illi nzammu l-flejjes u ma setax ihallas la ghal wiehed u lanqas lill-iehor. Di piu' peress illi kien hemm kontestazzjoni tal-ammonti reklamati ma setax ihallas sakemm tigi maqtugha definittivament dak l-appell. Talab ghalhekk lil din il-Qorti tvarja l-ewwel sentenza billi jew tilliberah kompletament jew inkella tvarja l-piena b'tali mod illi tkun aktar ekwa.

Ikkunsidrat :

Jidher mill-atti illi l-process beda meta l-Kummissarju tat-Taxxi Interni kellu titolu esekuttiv fl-1992. Minkejja dan l-appellant inghata kwazi tmintax il-sena sabiex ihallas l-arrettrati dovuti lid-dipartiment. Kien biss illi meta gie servut b'mandat ta' sekwestru bin-numru 1345/08 illi ntebah illi ma kellux flus bizzejjed sabiex jaghmel tajjeb lil-erarju. Veru illi sar ftehim u saru ukoll hlasijiet, xi uhud minnhom sostanzjali izda minkejja kollox minhabba l-konfuzzjoni li lahaq dahal fiha l-appellant kien hemm ammonti illi baqghu mhux dovuta, specjalment lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u ghalhekk gew istitwiti dawn il-proceduri sabiex il-Kummissarju jithallas dak li hu dovut lilu.

Ikkunsidrat :

Bir-rispett il-Qorti ma tahsibx illi l-appellant jista' jiggwadanja xi beneficcju mill-fatt illi kemm il-Kummissarju tat-Taxxi Interni u dak fuq il-Valur Mizjud istitwew proceduri civili kontra l-appellant sabiex jithallsu l-ammonti dovuti rispettivament.  L-appellant inghata kull zmien sabiex jasal fi ftehim mar-rispettivi Kummissarji ghall-ammonti dovuti u jekk kien hemm xi appell pendenti dejjem seta' jhallas taht protesta sabiex jikkawtela d-drittijiet tieghu fil-kaz ta' ezitu favorevoli mid-decizzjoni tal-Bord tal-Appell, izda l-appellant ghazel li ma jaghmilx hekk u jzomm lura l-pagamenti.

Il-Qorti taghmilha cara illi fejn si tratta ta' ente governattivi hadd ma jista' arbitrarjament jiehu decizzjoni fejn jiskala kreditur flok iehor u jiddeciedi min ghandu jithallas u meta.

L-ammonti dovuti lil entitajiet governattivi huma ammonti dovuti immedjatament hekk kif jintalab il-hlas u allura huwa obbligu ta' min ihallas illi jidhol fi ftehim mall-Kummissarji rispettivi ghal modalita' ta' hlas li tista tkun wahda rateali basta jkun hemm l-aderzzjoni taz-zewg partijiet involuti.  Izda zgur ma tistax issir decizjoni arbitrarja fejn kreditur ikun preferut fuq iehor minghajr il-permess ta' dak il-kreditu.  F'dan il-kaz l-appellant ghazel li jhallas kreditur flok iehor u meta sab ruhu infaccat b'titoli esekuttivi ma setax jottempora ruhu mat-talbiet tad-diversi entitajiet.  Kien ghalhekk allura illi dahal f'cirku vizzjuz li mhabba fih sab ruhu faccat f'dawn il-proceduri.

Din il-Qorti issib illi dan ic-cirku vizzjuz dahal fih volontarjament l-appellant meta ghal zmien twil injora s-sejhiet tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni biex meta saret is-sejha tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ma kienx f'posizzjoni illi jhallas.

Ghalhekk din il-Qorti ssib li d-decizzjoni tal-Ewwel Qorti, mehud in konsiderazzjoni l-argumenti u l-provi li kellha quddiemha, kienet gustifikata biex tasal ghal konkluzzjoni illi waslet ghaliha.  Din id-decizzjoni hija wahda ragjonevoli u legalment korretta w ghalhekk mhux il-kaz illi tigi disturbata.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta’ w tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------